**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mario Cardona**

Numru: 85/2015

Illum 17 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Cardona,** ta' sitta u tletin (36) sena, iben Mario u Paula nee' Azzopardi, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-14 ta' Jannar 1979, residenti Pavillion Crt, Flat 8, Triq il-31 ta' Marzu 1979, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4979G, akkuzat talli matul ix-xahar ta' Novembru 2014 u kif ukoll fix-xhur u s-snin ta' qabel gewwa diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer;

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta'

intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qliegħ li jammonta ghal madwar tlett elef ewro (3,000) ghad-detriment ta' Carol Milroy u Iain Gilbert Milroy;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor b'qerq li jammonta ghal madwar tlett elef ewro (3,000) ghad-detriment ta' Carol Milroy u Iain Gilbert Milroy;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi approfitta ruhu mill-bluha ta' haddiehor, bi hsieb ta' qligh, gieghel min jemmen li huwa seta' jindovina jew li seta' jkun jaf x'ghandu jigri jew li seta' jfisser il-holm.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-11 ta' Mejju 2016 u f'dik tat-12 ta' Mejju 2016 il-Qorti semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni u l-*parte civile*.

Wara li l-Qorti semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* fit-12 ta' Mejju 2016 *i*l-kawza giet differita ghas-17 ta' Mejju 2016 biex il-Qorti in bazi ghall-provi migbura sa dakinhar, tiddeciedi kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza (*prima facie*).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Ufficcjal Prosekutur u l-*parte civile,* u ta' Dr. Joshua Grech ghall-imputat.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident jekk tista' ssejjahlu hekk ta' *witchcraft* fejn l-imputat kien intalab mill-ex mara ta' Iain Gilbert Milroy biex jaghmel maghmul fuq mara li kien qieghed jaqlibielha maghha l-ex zewgha. L-allegat kaz sehh f'Ottubru 2014. Iain Gilbert Milroy skopra li kienet ghaddejja xi haga bejn l-ex martu Carol Milroy u l-imputat meta

kien fuq il-*computer* u nzerta l-*facebook page* ta' martu miftuh u dahal messagg minghand l-imputat. Qieghed ikun allegat li l-imputat kien thallas is-somma ta' madwar tlett elef ewro (€3,000) minn Carol Milroy. Minn dakinhar sal-lum il-koppja Carol Milroy u Iain Gilbert Milroy iddivorzjaw. L-imputat meta tkellem mal-Pulizija u anke ta stqarrija qal li hu ntalab jaghti servizz u ghal dan kellu jkun hemm hlas.

Illi permezz ta' dan id-digriet irid jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza, cioe' l-ezercizzju impost fuq il-Qorti Istruttorja ai termini tal-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

> *Meta tingħalaq il-kumpilazzjoni, il-Qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-Qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.*

Illi ghandu jigi rilevat ab inizio li din id-dispozizzjoni ma tirreferix ghall-*provi bizzejjed* izda *ragunijiet bizzejjed*, u dawn iridu jkunu ragunijiet bizzejjed *biex l-imputat jitpogga taħt att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali*. Ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti, Qorti Istruttorja, m'ghandhiex il-kompitu li tiddeciedi a bazi tal-provi prodotti u l-evalwazzjoni approfondita taghhom, jekk l-imputat huwiex hati jew le tal-imputazzjonijiet lilu addebitati. Fil-fatt fis-sentenza moghtija fil-kawza **Carmel u Helen konjugi Galea vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**[1] l-Qorti Kriminali qalet li l-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz[2] ma kellhiex il-kompitu li tiddeciedi, b'applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x'temmen jew lil min temmen. Imma l-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz kien sempliciment li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*. Il-Qorti Kriminali kompliet biex tghid li dan il-grad *prima facie* huwa *l-istess grad ta' prova, li l-Qorti Istruttorja hija*

---

[1] Deciza fid-19 ta' Awissu 2004.

[2] Dak kien kaz ta' *challenge* ai termini ta'l-artikoli 541(3) tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.*

Illi dan il-principju, u cioe' li l-grad ta' prova rikjest fl-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti Istruttorja mal-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa wiehed *prima facie,* huwa assodat fis-sistema gudizzjarja taghna u m'ghandux ikun hemm dubji fir-rigward. Il-Qorti Kostituzzjonali wkoll kellha opportunita' li taghmel ezami approfondit ta' dak li jirrikjedi dan l-artikolu 401(2). Fil-kawza **Mark Charles Kenneth Stephens vs l-Avukat Generali**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *F'gheluq il-kumpilazzjoni – u ghalhekk meta issa kienu nstemghu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ... – dik il-Qorti waslet fl-istadju li tiddeciedi jekk hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taħt att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). ... il-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni ta' Qrati ohra ta' Gustizzja Kriminali. Dak li huwa kien qed jitlob li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taħt att ta' akkuza.*
>
> *Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taħt att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut***

[3] Deciza f'l-14 ta' Frar 2006.

> ***f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw***[4] *imqar fuq bazi ta' probabilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taħt att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, ...*
> *...*

Illi ghalhekk l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti Istruttorja wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi tal-provi prodotti sa dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi abbeditat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghall-principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno tal-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in dubbio pro reo*, f'dan l-istadju l-Qorti Istruttorja, rinfaccjata b'dubju jekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat lilu addebitat, dan id-dubju ghandu jimmilita' favur it-tqeghid taħt att ta' akkuza u mhux favur il-liberatorja tal-imputat.

Illi dwar x'inhi "prova *prima facie*" kellha opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti Kriminali fis-sentenza moghtija fil-kawza **Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulzija**[5]. Hemm, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li prova *prima facie* tikkomporta oneru anqas minn dak tal-probabbli pero' aktar minn dak tal-possibbli, oneru li jista' jigi deskritt bhala *a case to answer*. Il-Qorti Kriminali qalet hekk:

---

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.

[5] Deciza 23 ta' Settembru 2010. Din ukoll kienet sentenza fuq procedura ta' *challenge* ai termini tal-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiha l-Qorti Kriminali ezaminat dak rikjest mill-Qorti Istruttorja fl-istadju deskritt fl-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 u applikatu b'analogija ghall-procedura tac-*challenge*.

*Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' u taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*

*Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*

*Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, il-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-mertu tax-xhieda prodotta u jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-kunsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huma differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda u dawn ir-ragunijiet huma f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan, Qorti Kanadiza, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tesigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skont hu, il-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkunsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti (Qorti Istruttorja), f'dan l-istadju huwa jekk, fil-konfront tal-imputat, a bazi tal-provi prodotti, jirrizultawx, *prima facie,* l-elementi kollha tar-reati li bih qed jigi addebitat l-istess imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Fi kliem iehor jekk fil-konfront tal-imputat jezistux l-elementi kollha tar-reati in ezami u jekk hemmx *a case to answer*.

**Preliminari**

F'pajjizna ma jezistix Att fil-Ligijiet ta' Malta li jitratta dak maghruf bhala *fraudulent mediums*. Sal-2008 fl-Ingilterra u Wales kien hemm il-**Fraudulent Mediums Act 1951.**

L-iskop tal-**Fraudulent Mediums Act 1951** kien li *"prohibited a person from claiming to be a psychic, medium, or other spiritualist while attempting to deceive and to make money from the deception (other than solely for the purpose of entertainment). It repealed the Witchcraft Act 1735, and it was in turn repealed on 26 May 2008 by new Consumer Protection Regulations following an EU directive targeting unfair sales and marketing practices."*[6]

Il-**Fraudulent Mediums Act 1951** kien fl-ewwel Artikolu kien jaghti spjegazzjoni dwar x'inhuma l-ingredjenti li jwasslu ghal reat dwar dan il-Att:

***1.****-(1) Subject to the provisions of this section, any person who-*

[6] Consumer Protection from Unfair Trading Regulations 2008 Schedule 4

*(a) with intent to deceive purports to act as a spiritualistic medium or to exercise any powers of telepathy, clairvoyance or other similar powers, or*
*(b) in purporting to act as a spiritualistic medium or to exercise such powers as aforesaid, uses any fraudulent device, shall be guilty of an offence.*

*(2) A person shall not be convicted of an offence under the foregoing subsection unless it is proved that he acted for reward; and for the purposes of this section a person shall be deemed to act for reward if any money is paid, or other valuable thing given, in respect of what he does, whether to him or to any other person.*

*(3) A person guilty of an offence under this section shall be liable on summary conviction to a fine not exceeding (the prescribed sum) or to imprisonment for a term not exceeding four months or to both such fine and such imprisonment, or on conviction on indictment to a fine... or to imprisonment for a term not exceeding two years or to both such fine and such imprisonment.*

*(4) No proceedings for an offence under this section shall be, brought in England or Wales except by or with the consent of the Director of Public Prosecutions.*

*(5) Nothing in subsection (1) of this section shall apply to anything done solely for the purpose of entertainment.*

**<u>Ir-reat tal-Appropriazzjoni Indebita</u>**

Illi l-appropriazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jehtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio*

mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

Skont gurisprudenza kostanti u anke skont awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' appropriazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-appropriazzjoni indebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni indebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe' japproprja ruhu minnha, jew ibieghha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprija ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-**Pulizija vs Marbeck Cremona** - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007).

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawru dana r-reat.

*"Dana ir-reat isehh meta (1) wiehed jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[7].

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-*

[7] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

*konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghall-kummissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu*

*giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. <u>In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo</u>."*

Illi mill-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misappreprazzjoni jidher illi dana r-reat huwa bbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profitt minnu ghalih innifsu. Dana l-agir min-naha tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

**<u>Artikli 308 u 309 tal-Kapitlu 9</u>**

L-Artikolu 308 jittratta frodi b'ghemil qarrieqi filwaqt li l-Artikolu 309 jittratta kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq.

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantament fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew

frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Escroquerie fil-Kodici Franciz. [...]
>
> Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Codici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghall-Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Codici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi [...].
>
> Skont gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew

b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew

c) ta' kwalifiki foloz jew

d) billi jinqeda b'qerq iehor u

e) ingann jew

f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

g) jew ta' hila;

h) setgha fuq haddiehor jew

i) ta' krediti immaginarji jew

j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...] Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji ntqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede*

*inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"*".

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li ccitat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente"* (Cassazione Penale Sez. II 3 Ottobre 2006 n. 34179).

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana r-reat, ghalkemm l-element tar-*"raggiri"* jew l-*"artifizji"* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana jrid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioé is-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali. Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kwantu ghall-kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta *ossia* twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioé intiza jew preordinata sabiex il-persuna ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana t-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Ricentement il-Qorti tal-Appell, Il-**Pulizija vs. Aaron Mizzi** datata 15 ta' Jannar 2015 iddikjarat:

> *"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhix necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi."*

**<u>Artikli 338(l) tal-Kapitlu 9</u>**

L-Artikolu 338(l) jipprovdi li:

> *(1) billi jipprofitta ruħu mill-bluha ta' ħaddieħor, bi ħsieb ta' qligħ, igiegħel min jemmen li huwa jista' jindovina jew li jista' jkun jaf x'għandu jigri jew li jista' jfisser il-ħolm;*

Din hija kontravenzjoni li tkun estinta wara li jghaddu tliet (3) xhur minn meta sehh l-allegat reat u n-notifika lill-imputat. L-Ispettur

Frank Anthony Tabone ddikjara li l-imputat kien notifikat bl-atti ta' din il-kawza aktar minn tliet (3) xhur wara li sehh l-allegat reat.

Ghalhekk din l-imputazzjoni hija preskritta u konsegwentement estinta.

**Ikkunsidrat;**

Illi stabbilit dan, il-Qorti issa trid tghaddi biex tara jekk, a bazi tal-provi prodotti, tirrizultax, *prima facie*, li "b'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika" u li "għamel xi qliegħ ieħor b'qerq"; u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, l-imputat jinstab hati ta' dawn ir-reati.

Dan kollu, kif diga' ntqal, irid jirrizulta fi grad anqas mill-probabbli imma oghla mill-possibbli. Fi kliem iehor jekk il-Qorti jidhrilha li, fil-konfront tal-imputat, il-provi jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, li hemm *a case to answer,* allura ghandu jinghad li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza.

Illi l-Qorti fliet l-atti kollha tal-process.

Illi l-Avukat Anthony Stellini ma pprezenta l-ebda att li juri li huwa awtorizzat minn Carol Milroy biex jagixxi f'isimha u jirraprezentaha f'dawn il-proceduri. Id-dokument li esebixxa fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 huwa parti minn *email* li l-kliem taghha fuq in-naha tal-lemin ma jinqarax kollu, m'hemmx data ta' meta ntbaghat u lil min. Hemm referenza ghal kaz quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar. Fid-dokument hemm imnizzel "I told him that I knew nothing about it and been settled by now."

Illi Iain Gilbert Milroy illum iddivorzjat minn ma' Carol Milroy m'ghandux *locus standi* u l-aktar li jista' jitqies bhala xhud. Bid-dovut rispett lejn l-Avukat tieghu li semma' l-Komunjoni tal-Akkwisti, dawn il-proceduri huma ta' natura penali u mhux civili.

Illi Iain Gilbert Milroy ma kienx prezenti meta ghaddew il-flus ghand l-imputat u ma jafx xi ftehim kien hemm mal-ex mara tieghu.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma wiehed jista' jasal biex jikkonkludi li l-imputat qarraq b'Carol Milroy. Kienet hi li avvicinatu u talbet is-servizz tieghu "*do you know a simple curse that I can cast on the woman that Iain had an affair with? She is now back home in France … Sorry to ask but hate this woman so much*", liema servizz kellu jkun ritwal spiritwali fejn ikun invokat demonju li ghandu tletin elf sena (30,000) bl-isem ta' "bezuzu" li jwassal biex il-mara li kienet ma' zewgha f'relazzjoni extra matrimonjali ma tibqax mieghu u hu jirritorna lura maghha.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone rrizulta li Carol Milroy qatt ma tkellmet mieghu dwar il-kaz, minn dakinhar li sar rapport NPS 10/Z/4243/2014 qatt m'ghamlet kuntatt mieghu jew uriet xi interess biex jitmexxa xi kaz kriminali kontra l-imputat. Illi fir-rapport li ha s-Surgent PS698 Shaun Joseph Tabone m'hemm l-ebda talba biex jittiehdu proceduri kontra l-imputat izda hemm biss li Mario Cardona "*failed to return the money back to Carol Milroy*".

Illi jidher li dan hu kaz purament civili bejn dawk li kienu konjugi Milroy fejn anke mid-dokumenti esebiti minn Dr. Antony Stellini u l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Frank Anthony Tabone, hemm li Carol Milroy ilmentat li dak li kien zewgha kien hadilha flus mill-kont taghha "*I may be able to pay half now and pay half later. The thing is that Iain has withdrawn money out of my personal account without my permission.*"

Illi a bazi tal-provi prodotti, ma jidhirx, *prima facie*, li a bazi ta' dawk l-istess provi, l-imputat jista' jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi:

- li m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Mario Cardona jitqieghed taht att ta' akkuza u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

B'applikazzjoni tal-artikolu 401(3) tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi flimkien mal-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mad-delitt.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**